**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 303/2017PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Etienne Ciantar (539577M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-erbgha (4) ta' Lulju, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u tletin ewro u ghaxar centezmi (€331.10) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40141773 bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1340/15 u bl-imghaxijiet legali sa mill-24 t'Awwissu, 2015 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-istess konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba inkluza kopja tal-ittra ufficjali surreferita.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ra li permezz ta’ nota imressqa mir-rapprezentat legali tas-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici cediet il-kawza limitatament fir-rigward tas-sorte stante hlas fil-mori filwaqt li zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta’ attrici salv illi hallas l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici.

Illi mix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici jirrizulta li madanakollu l-intimat ma hallasx l-ispejjez tal-proceduri odjerni imma hallas biss is-sorte u dawk koncernanti l-ittra ufficjali imsemmija.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici ikkonfermat li, wara l-pagament tal-ammont mitlub, l-intimata ghadha debitrici tas-socjeta` attrici ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni biss u ghall-imghaxijiet legali fuq is-sorte mhallsa.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ‘**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**’ fis-17 ta’ Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f’dan ir-rigward. Huwa car li, skont il-ligi, l-

imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data illi fiha d-debitur ikun gie a konjizzjoni tat-talba maghmulha fil-konfront tieghu b'mod ufficjali u kwindi jonqos milli jhallas l-addebitu. F'dan il-kaz allura l-ewwel interpellazzjoni giet notifikata lill-konvenut fid-29 t' Awwissu, 2015 u allura t-Tribunal ser jordna li l-imghaxijiet dovuti mill-konvenuta jibdew jiddekorru minn tali data sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal jasteni milli jiehu konjizzjoni tat-talba attrici fir-rigward tal-ammont mitlub u l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 1340/2015 mahruga taht l-art. 166A tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) stante pagament mill-intimat u c-cessjoni relattiva, jilqa' t-talba attrici fir-rigward tal-imghaxijiet legali fuq is-sorte dekorsi mid-29 t'Awwissu, 2015 u fir-rigward tal-ispejjez u drittijiet in konnessjoni mal-azzjoni odjerna li jibqghu a karigu tal-intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**